Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 38/2007

**Gozowide Properties Limited,**
**numru tas-socjeta` C5931 (43, Triq Sir Luigi Camilleri, Victoria).**

**vs**

**Il-Prim Ministru (Auberge de Castille, Valletta) Ministeru inkarigat mill-Ambjent u Affarijiet Rurali (Barriera Wharf, Valletta); u Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u Ippjanar (Saint Francis Ravelin, Floriana).**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors ta' Gozowide Properties Limited datat 11 ta' Jannar 2007 a fol. 1 tal-process fejn Paul Scicluna direttur tal-istess kumpanija, Karta tal-identita' numru 42655G,

jikkonferma, fil-waqt illi jiddikjara illi huwa jaf il-fatti esposti personalment jesponi: -

Illi l-esponenti hija proprjetarja ta' territorju maghruf bhala 'Ta' Xewka' limiti ta' Kercem, Ghawdex. Din l-art hija murija bil-kulur ahmar fuq il-pjanta annessa bhala Dokument "A".

Illi meta beda il-process biex jigi finalizzat il-Pjan Lokali ghal Ghawdex, l-esponenti, *tramite* d-direttur taghha Paul Scicluna, kienet talbet, fis-6 ta' Settembru 2002, illi l-art taghha tiddahhal fiz-zona ta' zvilupp - talba illi giet debitament rikonoxxuta mill-awtoritajiet u illi ggib ir-riferenza Gz/Kerc/025.

Illi f'Gunju 2006, il-Gvern habbar il-proposti tieghu dwar kif ghandhom jigu razzjonalizzati z-zoni ta' zvilupp, u skont il-kriterji elenkati f'dawn proposti u illi fuqhom kellha timxi l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar sabiex tirrazzjonalizza z-zoni ta' zvilupp, l-art tal-esponenti tikkwalifika sabiex tigi nkluza fiz-zona ta' zvilupp.

Illi wara dik il-pubblikazzjoni, u *entro* t-terminu ffissat ghaldaqshekk, permezz ta' ittra mibghuta mill-Perit Salvu Micallef fil-15 ta' Gunju 2006, l-esponenti ressqet is-sottomissjonijiet dettaljati taghha dwar ir-ragunijiet 'il ghala l-art taghha ghandha titqies bhala art fabbrikabbli; u ghal dawn il-proposti rceviet *acknowledgment* bir-riferenza PSPR0001483.

Illi effettivament, l-art giet tikkwalifika bhala arja ta' zvilupp skont il-kriterji mhabbra mill-awtoritajiet kompetenti infushom sabiex art tigi dikjarata illi tista' tigi zviluppata.

Illi minkejja dan, skont l-ahhar verzjoni tal-Pjan Lokali relativ, din l-art thalliet barra miz-zona ta' zvilupp u ghalhekk giet, b'mod permanenti jew kwazi permanenti, meqjusa bhala art mhix tajba ghall-izvilupp.

Illi l-agir tal-intimati huwa wiehed abbuziv u diskriminatorju fil-konfront tal-esponenti, u jammonta ghal abbuz minn diskrezzjoni amministrattiva.

Illi per konsegwenza tas-suespost, l-esponenti qieghda, u ser issofri danni ingentissimi - konsistenti fit-telf ta’ profitti illi l-esponenti kienet legittimament tistenna illi tirrealizza mill-eventwali bejgh tal-art taghha bhala art fabbrikabbli.

Illi dan kollu jmur kontra d-drittijiet u aspettattivi legittimi taghha; u jammonta ghal privazzjoni tal-proprjeta’ tal-esponenti bi ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem kif sanciti sia fil-Kostituzzjoni kif ukoll fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi ghal dawn id-danni ghandhom iwiegbu l-intimati jew min minnhom.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi d-decizjoni taghkom - kif konkretizzata bil-pubblikazzjoni tal-Pjan Lokali ghal Ghawdex f’Lulju 2006 - illi tirrifjutaw illi tirrejintegraw l-art fuq deskritta bhala art zviluppabbli u fabbrikabbli - tammonta ghal ghemil amministrattiv illi zvesta lill-esponenti minn dritt vestit illi hija kellha sa qabel dik id-decizjoni illi l-art tigi kunsidrata bhala art fabbrikabbli.

2. Tiddikjara illi ghalhekk dan l-ghemil amministrattiv imur kontra l-ligi u ghalhekk huwa *ultra vires.*

3. Konsegwentement tiddikjara dan l-ghemil amministrat null, invalidu u minghajr effett.

4. Tiddikjara illi ghar-ragunijiet fuq premessi, intom irrendejtu ruhkom passibbli ghal talba da parti tal-esponenti ghar-rizarciment tad-danni kollha sofferti minnha per konsegwenza ta’ tali decizjoni.

5. Tillikwida dawn id-danni, okkorrendo ad opera ta’ perit nominand.

6. Tikkundannakom jew min minnkom ghall-hlas u rizarciment ta’ dawn id-danni kif likwidati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest tas-17 ta’ Lulju 2006 kontra taghkom.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni, illi ghaliha minn issa ingunti.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument esebiti a fol. 3 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-14 ta’ Marzu 2007.

Rat ir-risposta guramentata tal-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 22 ta’ Frar 2007 a fol. 10 tal-process fejn Ivor Robinich bil-gurament tieghu jikkonferma:-

1. Illi preliminarjament, in kwantu ghat-talbiet rellativi ghall-inkluzjoni tal-art *de quo* fiz-zona tal-Izvilupp, l-Awtorita` esponenti m’hijiex il-legittimu kontradittur, *stante* illi l-Awtorita` esponenti m’ghandix il-*vires* legali illi tinkludi art fiz-zona tal-izvilupp, u dan peress illi kull inkluzjoni gdida fiz-zona tal-Izvilupp taqa’ fil-gurisdizzjoni parlamentari.

*2.* Illi l-involviment tal-Awtorita` esponenti fil-kaz ta’ tfassil u l-approvazzjoni ta’ Pjan Lokali huwa li tapprova abbozz tal-istess Pjan Lokali, liema abbozz, biex jigi fis-sehh jehtieg *ad validadtem*, l-approvazzjoni ministerjali jew parlamentari skont dak kontenut fih, u *stante* illi l-parti relattiva ghal dawk iz-zoni li kien propost li jkunu nkluzi fiz-zona tal-Izvilupp, u ghaldaqstant li kienet tehtieg approvazzjoni parlamentari, kienet lesta, ppublikata u maghrufa qabel il-hamsa (5) ta’ Lulju 2006, u cioe` d-data meta tressqet ir-risoluzzjoni parlamentari mill-Onor Ministru quddiem il-kamra tad-Deputati, l-azzjoni tar-rikorrent fil-konfront tal-Awtorita` esponenti hija preskritta *a tenur* tal-provedimenti tal-**artikolu 469A (3) tal-Kap. 12**.

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-process li gab fis-sehh id-dispozizzjonijiet dwar il-pjan ta’ struttura

huwa wiehed legislattiv u mhux amministrattiv u ghaldaqstant huwa assurd li dawn il-provedimenti jigu impunjati abbazi tal-**artikolu 469A tal-Kap. 12**.

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-process ta’ approvazzjoni tal-pjan ta’ struttura, u dan *a tenur* tal-**artikolu 22 tal-Kap. 356**, sar permezz tal-Mozzjoni nru 245 imressqa ghall-approvazzjoni tal-Kamra tad-Deputati fil-5 ta’ Lulju 2006.

5. Illi, fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, imkien ma jidher illi s-socjeta` rikorrenti ghandha xi permess ghall-izvilupp tal-art mahrug mill-Awtorita’ kompetenti u ghaldaqstant m’ghandha l-ebda dritt vestit, u ghaldaqstant it-tezi proposta mis-socjeta’ rikorrenti illi l-Awtorita’ Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar kienet obbligata, skont il-ligi, li tezegwixxi tali ripristinar u reintegrazzjoni hija assurda *stante* illi l-**artikolu 18 (3A) tal-Kap. 356** jistabbilixxi li l-pjani ta’ struttura ma jolqtux b’mod negattiv arei li fuqhom inghataw permessi ghall-izvilupp validi mahruga qabel id-data tal-bidu fis-sehh tar-revizjoni tal-pjan ta’ struttura.

6. Illi l-awtorita` esponenti qdiet l-inkarigu taghha fil-kumpilazzjoni u tlestija tal-Pjan Lokali, liema ezercizzju kien jinkludi l-estenzjoni taz-zoni tal-Izvilupp, skont il-provedimenti tal-Ligi, kif ukoll skont il-kriterji applikabbli, u skont liema kriterji l-art *de quo* ma kinetx tikkwalifika biex tkun inkluza fiz-zona tal-izvilupp.

7. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, m’hemm l-ebda bazi fuq xiex is-socejta’ rikorrenti tista’ titlob id-danni sofferti mid-decizjoni tal-Parlament dwar l-emendi taz-zoni ta’ konfini.

8. Ghaldaqstant, *in vista* tas-suespost, it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` rikorrenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar a fol. 10 tal-process.

Rat ir-risposta guramentata tal-Prim Ministru u l-Ministeru ghall-Affarijiet Rurali u l-Avukat Generali datata 27 ta' Frar 2007 a fol 15 tal-process fejn Philip Von Brockdroff fil-kapacita` tieghu ta' Segretarju Permanenti fil-Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent bil-guramentat tieghu jikkonferma u espona: -

(1) Illi preliminarjament, l-esponenti m'huwiex il-legittimu kontradittura.

(2) Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, il-process ta' approvazzjoni tal-pjan ta' struttura, sar permezz tal-Mozzjoni nru 245 imressqa ghall-approvazzjoni tal-Kamra tad-Deputati fil-5 ta' Lulju 2006, u dan *a tenur* tal-**artikolu 22 tal-Kap 356**.

(3) Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, il-process li gab fis-sehh id-disposizzjonijiet dwar il-pjan ta' struttura huwa wiehed legislattiv u mhux amministrattiv u ghaldaqstant m' huwiex ipunjabbli abbazi tal-**artikolu 469 A tal- Kap 12**.

(4) Illi minghajr pregudizzju wkoll, il-fatti kif esposti mir-rikorrenti ma jidhirx li huma ghal kollox veritjieri fl-*intier* taghhom.

(5) Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, it-talba ghad-danni hija nfundata fil-fatt u fid-dritt dritt *stante* li l-kwistjoni kollha *si tratta* ta' decizjoni ta' natura legislativa da parti tal-Parlament Malti dwar l-emendi taz-zoni ta' konfini.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda tal-Prim Ministru u l-Ministeru ghall-Affarijiet Rurali u l-Avukat Generali a fol 16 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta fejn fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2007 il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli ghal provi u kontro-ezamijiet kollha relattivi.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli flimkien max-xhieda qudiemha prodotta u d-dokument hemm esebiti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tal-4 ta’ Gunju 2008 fejn il-Qorti nnominat bhala Perit Legali lil Dr. Ian Vella Galea. Il-kawza giet differita ghar-rapport.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 23 ta’ Frar 2010 a fol 318 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Perit Legali l-Avukat Dr. Ian Vella Galea, flimkien mar-rapportipprezentat fir-registru fl-10 ta’ Marzu u mahluf fis-seduta tal-21 ta’ Marzu 2010, liema rapport huwa esebiti a fol. 329 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Jannar 2011 mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Victoria Buttigieg u Dr. Fiorella Fenech Vella ghall-intimat Gvern, u Ivor Robinich u Dr. Ian Stafrace ghall-MEPA. Is-socjeta’ attrici u d-difensuri taghha msejjhin diversi drabi baqaw ma dehrux. Id-difensuri prezenti tal-intimat irrimettew ruhhom ghar-rapport u talbu li l-kawza tmur ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghall-31 ta’ Mejju 2011.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi din hija kawza fejn is-socjeta' attrici qed tallega li hija kienet ghamlet it-talba datata 6 ta' Settembru 2002 (Gz/Kerc/025) sabiex l-art taghha hawn deskritta tigi nkluza fil-Pjan Lokali ta' Ghawdex, liema talba kienet konformi mal-proposti mhabbra mill-Gvern sabiex jigu razzjonalizzati z-zoni ta' zvilupp, fuq kriterji proposti mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Izvilupp (MEPA), u wara l-pubblikazzjoni tal-istess u fit-terminu stipulat is-socjeta' attrici resqet ukoll is-sottomissjonijiet taghha fil-15 ta' Gunju 2006 sabiex tali art titqies bhala fabbrikabbli (Ref. PSPR0001483) u dan dejjem ghaliex l-istess art kienet tikkwalifika sabiex tigi nkluza bhala arja ta' zvilupp skond l-istess kriterji; u peress li minkejja dan meta gie approvat il-Pjan Lokali relattiv l-istess art ma gietx hekk inkluza, meta allura skond ir-rikorrenti dan ma kellux ikun hekk, u konsegwentement qed jigi allegat f'din l-azzjoni li tali nuqqas ta' inkluzjoni ta' l-art *de quo* bhala ta' zvilupp kien wiehed abbuziv u diskriminatorju u abbuz tad-diskrezzjoni amministrattiva, u li bhala konsegwenza ta' din id-decizjoni s-socjeta' attrici soffriet danni konsistenti f'telf ta' profit.

Illi qed jingha ukoll li tali decizjoni tal-intimati tammonta wkoll ghal ghemil li zvesta lis-socjeta' attrici minn dritt vestit li hija kellha qabel l-imsemmija decizjoni, konsegwenti dejjem ghall ghemil amministrativ li jmur kontra l-ligi u huwa *ultra vires* u allura tali att huwa wkoll null u bla effett u ghalhekk qed jintalbu d-danni allegatament ikkawzati lis-socjeta' attrici.

Illi ma hemmx l-ebda dubju li din hija azzjoni dwar strahig amministrattiv a bazi tal-**artikolu 469 A tal-Kap. 12** u dwar l-istess tqajjmu diversi eccezzjonijiet mill-konvenuti rispettivament li ser jigu kkonsidrati serratim.

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-intimata Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar hija fis-sens li m'hijiex il-leġittimu kontradittur, ghaliex hija m'ghandix il-poter legali illi tinkludi art fiz-zona ta' l-izvilupp, u dan peress illi kull inkluzjoni gdida fiz-zona ta' l-Izvilupp taqa fil-gurisdizzjoni parlamentari u hija allura att legislattiv.

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi r-rwol ta' l-Awtorita' intimata premessa fil-process ta' tibdil fl-iskemi ta' l-izvilupp, u kwindi fl-inkluzjoni ta' artijiet fiz-zoni ta' l-izvilupp, kien limitat ghall-interpretazzjoni tal-kriterji approvati mill-Kabinett fuq it-tibdil fiz-zoni ta' zvilupp u sabiex taghti r-rakkomandazzjonijiet taghha, filwaqt illi d-decizjoni ahharija rigward l-inkluzjoni ta' artijiet fiz-zoni ta' l-izvilupp ttiehed u fil-fatt ittiehdet mill-Parlament u mhux mill-Awtorita' intimata. Dan jirrizulta kemm mix-xhieda tal-Perit Frans Mallia u tal-Perit John Ebejer, li t-tnejn kienu nvoluti fil-process tar-razzjonalizzazzjoni tal-konfini ta' l-izvilupp, u anke mill-Mozzjoni numru 245 imressqa ghall-approvazzjoni tal-Kamra tad-Deputati fil-5 ta' Lulju 2006, li taqra hekk:-

*"... Omissis ...*

*"U billi fil-Pjan Lokali gew indikati artijiet biex jigu nkluzi fiz-zoni ta' l-izvilupp skond kriterji mfassla mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u skond sett ta' kriterji approvati mill-Kabinett sabiex ikun hemm aktar konsistenza fid-decizjonijiet;*

*"U billi tibdil fil-konfini ta' l-izvilupp jifforma parti integrali mill-process ta' Pjani Lokali;*

*"U billi r-revizjoni parzjali tal-Pjan ta' Struttura, kif qed tigi sottomessa lill-Kamra b'din ir-rizoluzzjoni, giet approvata mill-Bord ta' l-Awtorita' u giet ikkunsidrata mill-Kabinett tal-Ministri, skond l-artikolu 22 (1) ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp;*

*Din il-Kamra ghalhekk tirrisolvi illi:*

*Tapprova r-Revizjoni Parzjali tal-Pjan ta' Struttura ghall-gzejjer Maltin, skond il-provvedimenti ta' artikolu 18(3A) u 22(3) ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp ghall-iskop illi l-artijiet murija fil-pjanti annessi ma' din ir-rizoluzzjoni u li jiffurmaw parti integrali minnha, jkunu inkluzi fiz-zona ta' l-izvilupp bhala parti integrali mill-istess Pjan Lokali."*

Illi fil-fatt **artikolu 18 (3A) tal-Kap. 356** hawn fuq citat fil-mozzjoni jipprovdi illi, *"il-pjan ta' struttura jista' jigi rivedut f'partijiet minnu kull meta jkun hemm il-htiega permezz ta' Rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati u ghandu jigi fis-sehh kif provdut fid-disposizzjonijiet li gejjin ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att."*

Illi l-artikoli sussegwenti filwaqt jipprovdu dwar kif ghandu jsir il-process ta' revizjoni u jinkludu r-rwol ta' l-Awtorita' intimata f'dan il-process u dan jikkonsisti li l-Awtorita' ghandha, *inter alia*, taghmel *surveys*; tgharraf lill-pubbliku b'dawk il-materji li bi hsiebha tqis u taghti opportunita' sabiex isiru sottomissjinijiet lill-istess Awtorita'; u tippublika l-pjan flimkien ma' stqarrija tas-sottomissjonijiet li tkun irceviet u r-rejazzjoni taghha ghal tali sottomissjonijiet.

Illi mbgahad l-**artikolu 22 (1)** jipprovdi illi:-

*"Ma' l-eghluq tal-proceduri stabbiliti mid-disposizzjonijiet ta' qabel din, il-pjan ta' struttura, u kull revizjoni tieghu, ghandhom jigu kunsidrati mill-Kabinett flimkien ma' l-istqarrija ta' pozizzjoni dwar l-ippjanar tal-Ministru u s-sottomissjonijiet li jkunu saru dwar il-pjan jew revizjoni tieghu."*

Illi fl-ahharnett, l-**artikolu 22 subinciz (2) u (3)** jipprovdi:-

*"...wara dan il-Ministru ghandu jara li l-pjan ta' struttura jew revizjoni tieghu, flimkien ma' l-istqarrija ta' pozizzjoni dwar l-ippjanar tal-Ministru, jitqieghdu quddiem il-Kamra flimkiem ma mozzjoni ghal rizoluzzjoni li l-pjan ta' struttura jigi approvat mill-Kamra, b'dawk l-emendi, jekk ikun hemm, li jigu specifikati fir-rizoluzzjoni ... Il-pjan ta'* struttura u kull *revizjoni tieghu kif approvati mill-Kamra jibdew isehhu minn dik id-data li tista' tigi specifikata ghal hekk mill-Ministru b'ordni fil-Gazzetta...".*

Illi inkonformita' ma' din il-procedura Il-Perit Frans Mallia, li kien Assistant Direttur mal-Mepa xehed illi din ir-risoluzzjoni giet approvata mill-Kamra fis-26 ta' Lulju 2006 u ghalhekk minn dan kollu jirrizulta li l-Awtorita' ntimata

effettivament m'hix il-legittimu kontradittur stante illi m'ghandix is-sahha legali li tinkludi art fiz-zona ta' l-izvilupp, liema poter jinsab f'idejn il-Kamra tad-Deputati skond id-disposizzjoni appositi u anke fuq citati tal-**Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta** u ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimata Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ghandha tigi milqugha.

Illi l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimati l-Prim Ministru u l-Ministeru ghall-Affarijiet Rurali u l-Avukat Generali hija wkoll fis-sens li huma ma humiex il-legittimi kontradittturi u f'dan ir-rigward u a skans ta' ripetizzjoni, qed issir referenza ghal dak trattat aktar 'l fuq relattivament ghall-ewwel eccezzjoni ta' l-intimata Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u qed jigi kkonfermat li hija l-Kamra tad-Deputati li hija vestita bil-poter illi tinkludi art fiz-zona ta' l-izvilupp ai termini tal-**Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta** u ghalhekk a bazi ta' dak hawn ritenut l-intimati l-Prim Ministru, l-Avukat Generali u l-Ministru ghall-Affarijiet Rurali m'humiex il-legittimi kontraditturi. Ghalkemm il-Ministru ghall-Affarijiet Rurali ghandu rwol fil-process ta' revizjoni tal-Pjan ta' Struttura *ai termini* tal-**Kap. 356**, id-decizjoni dwar ir-revizjoni tal-Pjan ta' Struttura u allura dwar l-inkluzjoni ta' art fiz-zona ta' l-izvilupp ghandha tittiehed u fil-fatt giet mehuda mill-Kamra tad-Deputati u mhux mill-intimati. Ghaldaqstant, din l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimati l-Prim Ministru u l-Ministeru ghall-Affarijiet Rurali u l-Avukat Generali qed tigi milqugha.

Illi ghalhekk in kwantu l-azzjoni hija diretta kontra l-MEPA din l-azzjoni ma' tistax tirnexxi, izda minkejja dan gie eccepiet ukoll li mill-intimata Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li kwalunkwe kaz l-azzjoni attrici fil-konfront taghha bhala Awtorita' hija preskritta a tenur tal-provvedimenti ta' l-**artikolu 469A (3) tal-Kap. 12**.

Illi l-**artikolu 469A (3) tal-Kap. 12** jipprovdi terminu ta' sitt xhur sabiex issir kawza biex jitwaqqa' eghmil amministrattiv taht is-**subartikolu (1) (b),** liema perjodu jibda jiddekorri minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir, jaf, skond liema jigi l-ewwel, b'dak l-eghmil amministrattiv.

Illi fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha, l-Awtorita’ intimata targumenta illi din l-azzjoni hija preskritta in vista tal-fatt illi r-rakkomandazzjonijiet tal-Awtorita’ intimata kienu inghataw lill-Ministru responsabbli qabel ma tressqet il-mozzjoni Nru. 245 mill-Ministru lill-Parlament fil-5 ta’ Lulju 2006 u ghalhekk meta giet reza’ pubblika l-pozizzjoni tal-Awtorita’ intimata l-azzjoni tar-rikorrenti kienet gia’ preskritta a bazi tal-artikolu hawn fuq citat.

Illi f’dan il-kunetst il-Perit Frans Mallia xehed illi l-proposti mid-Direttorat ta’ l-Ippjanar wara l-konsultazzjoni pubblika gew imressqa ghall-iskrutinju u approvazzjoni sew tal-bord tal-MEPA u kif ukoll ta’ l-iStanding Committee for Development Planning tal-Parlament. Sussegwentement dawn il-proposti gew imressqa ghall-iskrutinju u l-approvazzjoni tal-Parlament fil-5 ta’ Lulju 2006 permezz tar-rizoluzzjoni msemmija, ma’ liema rizoluzzjoni kien hemm anness id-dokument finali bil-posizzjoni tal-MEPA. Din il-mozzjoni giet sussegwentement approvata mill-Kamra tad-Deputati fis-26 ta’ Lulju 2006. Illi ghalhekk, l-involviment ta’ l-Awtorita’ intimata waqaf qabel jew mhux aktar tard mill-5 ta’ Lulju 2006, f’liema data kif gia ntqal giet mressqa l-mozzjoni quddiem il-Kamra tad-Deputati li maghha il-posizzjoni finali tal-MEPA kienet annessa.

Illi fil-kuntest ta’ dan kollu la darba l-kawza odjerna giet intavolata fil-11 ta’ Jannar 2007 jirrizulta ghalhekk li din giet intavolata fi zmien ta’ aktar minn sitt xhur wara kwalunkwe eghmil maghmul mill-Awtorita’ intimata relattivament ghar-revizjoni tal-pjan ta’ struttura u ghalhekk l-azzjoni tas-socjeta’ rikorrenti hija perenta fil-konfront tal-Awtorita’ intimata skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 469 A tal-Kap. 12** anke kieku tali azzjoni kellha ghall grazzja tal-argument taqa’ fil-parametri ta’ l-istess disposizzjonijiet u setghet tigi vantata kontra l-Awtorita’ intimata, li ma tirrizultax kif gie deciz in vista’ ta’ dak li nghad konsegwenti ghall-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita’ ntimata. Ghaldaqstant, din it-tieni eccezzjoni ta’ l-intimata Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar hija ben fondata wkoll kif inghad f’din id-decizjoni.

Illi ser tigi trattata bla pregudizzju ghall dak hawn deciz anke t-tielet eccezzjoni tal-intimata Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u t-tielet eccezzjoni ta' l-intimati l-Prim Ministru u l-Ministeru ghall-Affarijiet Rurali u l-Avukat Generali u dan fis-sens li l-att lamentat ma huwiex ghemil amministrattiv izda jikkonsisti fi proċess li ġab fis-seħħ id-dispożizzjonijiet dwar il-Pjan ta' Struttura, process li huwa wieħed leġislattiv u mhux amministrattiv u għaldaqstant huwa nkonceppibli li dawn il-provedimenti jiġu impunjati abbażi ta' l-**artikolu 469A tal-Kap. 12**.

Illi jinghad li l-**artikolu 469A tal-Kap. 12** jipprovdi li dawn il-qrati tal-gustizzja ta' kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validità ta' xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett meta tali eghmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni jew ikun *ultra vires*. L-istess artikolu jipprovdi wkoll illi *'eghmil amministrattiv'* ifisser il-hrug ta' kull ordni, licenza, permess, *warrant*, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika.

Illi kif gia inghad aktar 'l fuq, r-rwol ta' l-intimati l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-Ministeru ghall-Affarijiet Rurali fil-process ta' revizjoni tal-Pjan ta' Struttura kien limitat sabiex fil-kaz ta' l-Awtorita' intimata din taghti r-rakkomandazzjonijiet taghha u fil-kaz tal-Ministru ghall-Affarijiet Rurali hu jipprepara stqarrija ta' pozizzjoni dwar l-ippjanar li fiha jsemmi t-tibdiliet li huwa jkun qed jipproponi jew ir-reazzjonijiet tieghu (**artikolu 19 (4) tal-Kap. 356)** u sussegwentement, wara li r-revizjoni tal-pjan ta' struttura tkun intbaghatet lura lill-Awtorita' intimate **(artikolu 21 tal-Kap. 356)**, din titressaq quddiem il-Kamra flimkien ma' mozzjoni ghal rizoluzzjoni li l-Pjan ta' Struttura jigi approvat mill-Kamra, b'dawk l-emendi, jekk ikun hemm, li jigu specifikati fir-rizoluzzjoni **(artikolu 22 (2) tal-Kap. 356).**

Illi ghalhekk minn dan jirrizulta li l-ebda wiehed mill-intimati ma wettqu ghemil amministrattiv kif definit fil-ligi in kwantu ma hargu l-ebda ordni, licenzja, permess, warrant, decizjoni jew rifjut ghal talba ta' xi persuna relattivament ghar-revizjoni tal-Pjan ta' Struttura mertu tal-kawza, liema

revizjoni ta’ Pjan ta’ Struttura giet approvata u deciza mill-Kamra tad-Deputati u ghalhekk dan sar b’att legislattiv u mhux amministrattiv. Ghaldaqstant, it-tielet eccezzjoni tal-intimata Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u t-tielet eccezzjoni ta’ l-intimati l-Prim Ministru u l-Ministeru ghall-Affarijiet Rurali u l-Avukat Generali qed jigu milqugha u dejjem bla pregudizzju ghal dak gja hawn deciz.

Illi tal-istess portata hija r-raba’ eccezzjoni tal-intimata Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u t-tieni eccezzjoni ta’ l-intimati l-Prim Ministru u l-Ministeru ghall-Affarijiet Rurali u l-Avukat Generali fis-sens li l-proċess ta’ approvazzjoni tal-Pjan ta’ Struttura, u dan a tenur ta’ l-**artikolu 22 tal-Kap. 356**, sar permezz tal-Mozzjoni numru 245 mressqa għall-approvazzjoni tal-Kamra tad-Deputati fil-5 ta’ Lulju 2006.

Illi kif gia gie ritenut aktar ‘il fuq u skans ta’ wisq ripetizzjoni, din il-Qorti tikkonferma u hawn taqbel ukoll ma’ dak redatt mill-bravu Perit Legali, li l-approvazzjoni tal-Pjan ta’ Struttura sar mill-Kamra tad-Deputati fis-26 ta’ Lulju 2006 wara li giet imressqa l-mozzjoni bin-numru 245 mill-Ministru fil-5 ta’ Lulju 2006 u dana a tenur ta’ **l-artikolu 22 tal-Kap. 356.** Ghaldaqstant, ir-raba’ eccezzjoni tal-intimata Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u t-tieni eccezzjoni ta’ l-intimati l-Prim Ministru u l-Ministeru ghall-Affarijiet Rurali u l-Avukat Generali qed jigu wkoll milqugha.

Illi ghalhekk fil-waqt li din il-Qorti qed tilqa’ l-ewwel erba’ eccezzjonijiet ta’ l-intimata Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-ewwel tlett eccezzjonijiet ta’ l-intimati l-Prim Ministru, l-Ministeru ghall-Affarijiet Rurali u l-Avukat Generali, konsegwentemnt tichad it-talbiet kollha tas-socjeta’ rikorrenti.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-ewwel erba’ eccezzjonijiet ta’ l-intimata Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar

fir-risposta guramentata taghha datata 22 ta’ Frar 2007 fis-sens hawn deciz, u wkoll l-ewwel tlett eccezzjonijiet ta’ l-intimati l-Prim Ministru, l-Ministeru ghall-Affarijiet Rurali u l-Avukat Generali fir-risposta guramentata taghhom datata 27 ta’ Frar 2007, konsegwentement **tichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti odjerni ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.**

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------